MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1488/2000/1

**Joseph sive Josie u Stephanie konjugi Pace u b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2000 il-Qorti tordna legittimazzjoni tal-atti minn Joseph sive JosiePace a nom ta' Ingrid mart Alex Valenzia, Stephen Pace, Elizabeth Pace, Ian Pace u Lara Pace**

**Vs**

**James u Helen konjugi Micallef Eynaud**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Lulju, 2000, li in forza taghha l-atturi, wara li ppremettew:

1. Illi l-atturi silfu lill-konvenuti s-somma ta' Lm10,000 (ghaxart elef lira) brevi manu u liema debitu jirrizulta skond skrittura hawn annessa u mmarkata bhala dokument A;

2. Illi dan id-debitu kellu jigi saldat fi zmien xahar minn mindu gew moghtija dawn il-flus pero' l-konvenuti baqghu indaempjenti u cioe wara Jannar 1997;

3. Illi l-atturi interpellaw diversi drabi lill-konvenuti biex ihallsu lura dan id-debitu pero' baqghu inadempjenti;

4. Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut;

5. Illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma fuq imsemmija oltre l-imghax legali mit-28 ta' Frar 1997;

Ghalhekk l-atturi talbu prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi sabiex din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenuti jirrifondu lill-atturi s-somma ta' Lm10,000 oltre l-imghax legali mit-28 ta' Frar 1997 ta' flus mislufa brevi manu lill-konvenuti u kif jirrizulta minn skrittura hawn annessa Dokument A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2348/2000 u tal-mandat ta' qbid numru 2351/2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut James Micallef Eynaud li in forza taghha eccepixxa:

1. Fl-ewwel lok, illi l-esponent James Micallef Eynaud gie ccertifikat mit-tabib Dottor George Debono li

huwa qieghed isofri minn marda li qed taffettwalu l-memorja kif jidher mic-certifikat mediku li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok B;

2. Illi ghal din ir-raguni l-esponent James Micallef Eynaud m'huwiex f'posizzjoni li jiftakar x'gara fil-passat u ghaldaqstant jirrimetti ruhu f'idejn din l-Onorabbli qorti sabiex taghmel il-verifiki necessarji tul is-smiegh tal-kawza;

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-proceduri odjerni huma intempestivi peress illi fid-dokument li gie anness mac-citazzjoni ma hemmx imsemmi l-ebda terminu f'liema l-pretiz debitu ghandu jigi saldat;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Helen Micallef Eynaud li in forza taghha ecceppiet:

1. Fl-ewwel lok, illi l-esponenti Helen Micallef Eynaud m'hijiex il-legittimu kontradittur peress illi sa mill-ewwel ta' Gunju tal-1995 giet stabbilita bejn l-esponenti s-sistema patrimonjali tas-separazzjoni tal-beni, kif jidher mill-kuntratt datat 1 ta' Gunju, 1995 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella (Dokument), u ghaldaqstant ma hijiex responsabbli ghad-debitu kif pretiz mill-atturi;

2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju l-esponenti mhiex responsabbli ghall-hlas tad-dejn pretiz mill-atturi u m'ghandha taghti xejn;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Novembru, 2001, li in forza taghha cahdet it-talba tal-atturi ghas-soprassessjoni sakemm tigi deciza kawza minnhom

ipprezentata ghall-impunjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni dei bejn bejn il-konvenuti.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Lulju, 2002, li bis-sahha taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Helen Micallef Eynaud, iddikjarat li l-istess Helen Micallef Eynaud m'ghandhiex twiegeb ghall-azzjoni attrici, u ghalhekk helsietha milli tibqa' izjed fil-kawza, bl-ispejjez kontra l-atturi; ordnat ukoll li l-kawza tissokta bil-gbir tal-provi u trattazzjoni fil-konfront tal-konvenut James Micallef Eynaud.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur Joseph Pace, illum mejjet, silef brevi manu s-somma ta' Lm10,000 lill-konvenut James Micallef Eynaud. Iz-zewg partijiet kienu hbieb kbar u s-self sar minghajr skrittura u bi ftehim li s-somma tigi rifusa fi zmien xahar, u cioe', wara Jannar tal-1997. Il-konvenut irrikonoxxa dan id-dejn fuq skrittura li hi bla data, pero', mhux kontestata li kienet iffirmata u redatta mill-konvenut James Micallef Eynaud.

Il-konvenut, fil-fatt, mhux qed jichad li kien inghata dan is-self, izda qed jghid li ma jiftakarx jekk raddhomx lura jew le. Mix-xhieda, pero', ta' Stephen Pace, iben l-attur, u ta' Dr. Edward Debono, jirrizulta li l-attur baqa' sal-ahhar jippretendi l-flus lura, u baqa' regolarment icempel lill-konvenut jitolbu l-hlas lura; il-konvenut qatt ma cahad li kellu jirrifondi dik is-somma, izda dejjem kien jitlob zmien biex ihallas, izda baqa' qatt ma wasal. Ix-xhud Stephen Pace stess xehed li hu kien tkellem mal-konvenut dwar dan id-dejn, u dan kien rega' talbu z-zmien biex ihallas. Ma saret ebda prova li l-konvenut kien inkapaci meta ssellef il-flus, u l-ftehim, kwindi, ghandu jitqies validu.

Jirrizulta, ghalhekk, pruvat li s-self sehh u kien u ghadu dovut mill-konvenut lill-atturi.

Il-konvenut jallega wkoll li l-azzjoni hi intempestiva ghax fuq l-*acknowledgment of debt* iffirmata minnu, ma jirrizultax it-terminu li fih id-debitu kellu jigi saldat. Jirrizulta, pero', mill-provi li s-self sar lejn l-ahhar tal-1996 jew bidu tal-1997 u r-rifusjoni kellha ssir fi zmien patwit ta' xahar jew xahar u nofs li, f'kull kaz, ilu li ghadda u jaghmel mil-kreditu wiehed dovut.

Fuq kollox, kieku l-partijiet ma ftehimux fuq terminu ghar-restituzzjoni, l-artikolu 1078(a) tal-Kodici Civili jiddisponi li meta s-self ikun ta' flus u ma jkunx gie patwit imghax (kif jidher li kien dan il-kaz), l-obbligazzjoni ghandha tigi esegwita fi zmien sentejn. Kwindi, anke kieku ma giex miftiehem terminu ghall-hlas, id-debitu ghandu jitqies illum dovut.

Ghar-rigward tal-imghaxijiet, l-atturi qed jitolbu li dan jigi kkalkulat mit-28 ta' Frar, 1997, u cioe', mid-data li l-flus kellhom jinghataw lura. Ma jirrizultax, pero', li s-self sar in konnessjoni ma' xi negozju li kellu l-konvenut u, kwindi, ma jistax jinghad li l-imghax kellu jidekorri *ipso jure*. Lanqas ma tirrizulta li saret interpellazzjoni ufficcjali kif trid il-ligi f'kaz ta' debitu civili. Ghalhekk, l-imghaxijiet iridu jiddekorru mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi, previa li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut James Micallef Eynaud, tilqa' t-talba tal-atturi billi tikkundanna lill-konvenut James Micallef Eynaud ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm10,000 (ghaxart elef lira Maltin), bl-imghaxijiet legali ta' 8% mit-18 ta' Lulju, 2002, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, hlief ghal dawk decizi, jithallsu mill-konvenut James Micallef Eynaud.

---------------------------------TMIEM---------------------------------